



Brussell, 14 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14455/24

Fajl Interistituzzjonal:
2024/0247(NLE)

FISC 195
ECOFIN 1138

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Ottubru 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 448 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE li tawtorizza l-İr-Repubblika tal-Awstrija biex tkompli tapplika miżura li tidderoga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 448 final.

Mehmuż: COM(2024) 448 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2024
COM(2024) 448 final

2024/0247 (NLE)

Proposta għal

DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija biex tkompli tapplika miżura li tidderoga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹ ("id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza kwalunkwe Stat Membru biex japplika miżuri speċjal li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") jew biex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz tal-ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fl-20 ta' Marzu 2024, l-Awstrija talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura speċjal li tidderoga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva tal-VAT, biex teskludi mid-dritt għal tnaqqis il-VAT imposta fuq l-oġġetti u s-servizzi li iktar minn 90 % tad-drabi jintużaw għall-użu privat tal-persuna taxxabbli jew tal-impiegati tagħha, jew b'mod aktar ġenerali għal finijiet mhux kummerċjali jew għal attivitajiet mhux ekonomiċi. Din it-talba kienet akkumpanjata minn rapport dwar l-applikazzjoni ta' din il-miżura speċjal, li jinkludi rieżami tar-rata ta' tqassim applikata fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT kif meħtieġ mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill 2009/1013/UE², kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1779³.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bl-ittra tas-16 ta' Mejju 2024 dwar it-talba li għamlet l-Awstrija. Permezz tal-ittra tas-17 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Awstrija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tikkunsidra t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi li persuna taxxabbli hija intitolata tnaqqas il-VAT imposta fuq l-affarijiet li tkun xrat u s-servizzi li tkun irċeviet għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha. L-Artikolu 168a(1) tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi li l-VAT fuq in-nefqa relatata ma' proprijetà immobbl li tifforma parti mill-assi kummerċjali ta' persuna taxxabbli u li tintużza għall-finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali, għandha tkun deduċibbli biss sal-proporzjon tal-użu tal-proprietà għall-finijiet kummerċjali tal-persuna taxxabbli. Skont l-Artikolu 168a(2) tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw din ir-regola wkoll b'rabta man-nefqa relatata ma' oġġetti oħra li jifformaw parti mill-assi kummerċjali, skont dak li jispeċifikaw.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri speċjal li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT sabiex jissimplifikaw il-proċedura għall-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjenu ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa, jekk ikunu ġew awtorizzati mill-Kunsill.

¹ ĠU 347, 11.12.2006, p.1.

² Id-Deċiżjoni ta' implementazzjoni tal-Kunsill (2009/1013/UE) tat-22 ta' Diċembru 2009 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 348, 29.12.2009, p. 21.

³ Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1779 tal-5 ta' Ottubru 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 360, 11.10.2021, p. 120.

L-Awstria talbet awtorizzazzjoni sabiex tkompli tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva tal-VAT li tippermettilha teskludi ġħalkollox mid-dritt għal tnaqqis il-VAT imposta fuq l-oġġetti u s-servizzi li iktar minn 90 % tad-drabi jintużaw ġħall-finijiet privati jew mhux kummerċjali tal-persuna taxxabbi, inkluż l-attivitajiet mhux ekonomiċi.

Din il-miżura speċjali ingħatat lill-Awstria inizjalment bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/866/KE tat-13 ta' Diċembru 2004⁴ għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2009 u reġgħet ingħatat bid-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill 2009/1013/UE tat-22 ta' Diċembru 2009 sal-31 ta' Diċembru 2012. Din tal-aħħar ġiet ġħaldaqstant estiża sal-31 ta' Diċembru 2015 bid-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill 2012/705/UE tat-13 ta' Novembru 2012⁵, sal-31 ta' Diċembru 2018 bid-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2428 tal-10 ta' Diċembru 2015⁶, sal-31 ta' Diċembru 2021 bid-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1487 tat-2 ta' Ottubru 2018⁷ u sal-31 ta' Diċembru 2024 bid-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1779 tal-5 ta' Ottubru 2021.

Fit-talba attwali tagħha, l-Awstria infurmat lill-Kummissjoni li l-applikazzjoni tal-miżura speċjali wriet li hija effettiva fis-simplifikazzjoni tal-ġbir tal-VAT peress li tnaqqas il-kostijiet amministrattivi u żżid iċ-ċertezza legali kemm ġħall-amministrazzjoni tat-taxxa kif ukoll ġħall-kontribwenti. Ma hemmx bżonn li jiġi ddeterminat l-użu effettiv ta' oġġetti u servizzi f'każijiet fejn l-użu tagħhom ġħall-finijiet kummerċjali jirrappreżenta inqas minn 10 %. Inkella, l-użu personali jkollu jiġi ddokumentat u ddeterminat, u jkollu jkun soġġett għat-tassazzjoni skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva tal-VAT. It-tassazzjoni korretta tal-użu personali jkollha tiġi mmonitorjata mill-amministrazzjoni tat-taxxa. Bis-saħħa tal-miżura speċjali, huwa possibbli li jitneħħew il-miżuri estensivi ta' dokumentazzjoni, monitoraġġ u verifika, u b'hekk jittaffa l-piż kemm fuq l-awtoritajiet tat-taxxa kif ukoll fuq il-kontribwenti.

Barra minn hekk, il-bidliet minimi fil-proporzjon tal-użu privat u kummerċjali ta' oġġett jew servizz li jintuża biss b'mod marġinali ġħall-finijiet kummerċjali jkun jirriżulta f'aġġustament tal-VAT imnaqqsa. Dan l-aġġustament żgħir se jkun sproporzjonat kemm mill-perspettiva tal-kontribwenti kif ukoll mill-perspettiva tal-amministrazzjoni tat-taxxa.

L-Awstria tindika wkoll li l-miżura speċjali wriet ukoll li hija effettiva fil-prevenzjoni tal-evażjoni jew tal-evitar tat-taxxa peress li tipprevjeni tnaqqis mhux ġustifikat u frodulenti tal-VAT tal-input. Il-miżura speċjali tgħin biex tissaħħħah il-ġustizzja billi tipprevjeni

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/866/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstria tapplika miżura derogatorja mill-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva (77/388/KEE) dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ, ĠU L 371, 18.12.2004, p. 47.

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill 2012/705/UE tat-13 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2009/791/KE u d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni 2009/1013/UE li jawtorizzaw lill-Ġermanja u lill-Awstria rispettivament li jkomplu japplikaw miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 319, 16.11.2012, p. 8.

⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2428 tal-10 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2009/791/KE u d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni 2009/1013/UE li jawtorizzaw lill-Ġermanja u lill-Awstria rispettivament ikomplu japplikaw miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 334, 22.12.2015, p. 12.

⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1487 tat-2 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2009/1013/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstria biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 251, 5.10.2018, p. 33.

distorsjonijiet minħabba vantaġġi mhux ġustifikati tal-fluss tal-flus miksuba minn persuna taxxabbli li tuża oġġett jew servizz marġinalment biss għall-finijiet kummerċjali u li titħalla tnaqqas il-VAT għal dan l-użu kummerċjali minuri meta mqabbla ma' persuna taxxabbli li tuża l-oġġett jew is-servizz għal finijiet kummerċjali biss.

Skont ir-rapport sottomess mill-Awstrija, ir-rieżami tal-perċentwal minimu tal-użu kummerċjali ta' oġġetti u servizzi meħtieġ biex jippermetti t-tnejjix tal-VAT tal-input juri li l-limitu ta' 10 % għall-finijiet kummerċjali huwa baxx bizzarejjed biex ma jkollu l-ebda impatt sinifikanti fuq l-ammont totali ta' VAT effettivament miġbur fl-istadju tal-konsum finali u għalhekk, ma jaffettwax ir-riżorsi propriji tal-VAT tal-Unjoni b'mod negattiv.

Abbażi tal-informazzjoni li pprovdiet l-Awstrija, il-Kummissjoni tifhem li t-tqassim ta' 10 % / 90 % għall-użu kummerċjali u għal dak mhux kummerċjali għadu jirrappreżenta bażi soda biex jingħażlu t-tranżazzjonijiet li għalihom l-użu kummerċjali jista' jitqies bħala negligibbi.

Minħabba f'hekk, il-miżura speċjali inkwistjoni tipprovdi faċilitazzjoni kemm għall-amministrazzjoni tat-taxxa kif ukoll għan-negozji billi ma jkun hemm bżonn l-ebda monitoraġġ tal-użu sussegwenti tal-oġġetti u s-servizzi li għalihom kienet tapplika l-esklużjoni mit-tnejjix tal-VAT meta jkunu ġew akkwistati, b'mod partikolari fir-rigward tattassazzjoni possibbli tal-użu privat skont l-Artikolu 16 jew 26 tad-Direttiva tal-VAT jew tal-ġġustamenti għat-tnejjix kif meħtieġ skont l-Artikoli 184 sa 192 ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jixraq li l-miżura speċjali tīgħi estiżza.

Madankollu, kwalunkwe estensjoni għandha tkun limitata fil-ħin biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżura speċjali hijiex xierqa u effettiva u jekk il-kundizzjonijiet li fuqhom hija bbażata d-deroga jkunux għadhom validi. Għaldaqstant, qiegħed jiġi propost li d-deroga tiġi estiżza sa tmiem l-2027 u li, f'każ li tkun prevista estensjoni ulterjuri lil hinn mill-2027, flimkien mat-talba għall-estensjoni, l-Awstrija tintalab tippreżenta rapport sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2027 li jkun jinkludi rieżami tar-rata ta' tqassim applikata bejn l-użu kummerċjali u mhux kummerċjali li fuqha tissejjes l-esklużjoni mit-tnejjix.

- Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Deroga simili b'rabta mal-esklużjoni tal-VAT tal-input fuq l-oġġetti u s-servizzi mid-dritt għal tnejjix tal-VAT meta 90 % tal-użu tal-oġġetti u s-servizzi inkwistjoni jkun għall-finijiet privati ta' persuna taxxabbli jew tal-impiegati tagħha, jew inġenerali, għal finijiet mhux kummerċjali jew attivitajiet mhux ekonomiċi, ingħatat lil Stat Membru ieħor (il-Ġermanja⁸).

L-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-Kunsill għandu jiddetermina n-nefqa li minnha ma tistax titnaqqas il-VAT. Sakemm dan iseħħi, huwa jawtorizza li l-Istati Membri jkomplu japplikaw l-esklużjonijiet, li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1979. Għaldaqstant, hemm għadd ta' klawżoli standstill li jillimitaw id-dritt għal tnejjix tal-VAT.

⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1776 tal-5 ta' Ottubru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2009/791/KE li tawtorizza lill-Ġermanja biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L-360, 11.10.2021, p. 112.

Minkejja l-inizjattivi preċedenti biex jiġu stabbiliti r-regoli dwar liema kategoriji ta' nefqa jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjoni tad-dritt għal tnaqqis⁹, deroga bħal din hija xierqa sakemm jiġu armonizzati dawn ir-regoli fil-livell tal-UE.

Għalhekk, il-miżura speċjali proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva tal-VAT.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- Bażi legali**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija msejsa l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma jaapplikax.

- Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-ġhan li jrid jintlaħaq, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-proċedura tal-ġbir tal-VAT u l-prevenzjoni ta' ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-ġhan.

Id-deroga hija wkoll limitata fiż-żmien u jrid jitħejja rapport dwar il-funzjonament u l-effettività tal-miżura speċjali f'każ li l-Awstrija tkun tixtieq ittawwal il-miżura speċjali.

- Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, tista' tingħata deroga mid-dispożizzjonijiet komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. L-iktar strument adattat huwa Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill peress li din tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Din il-proposta hija bbażata fuq talba li għamlet l-Awstrija u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru partikolari.

- Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm ħtieġa ta' għarfien espert estern.

⁹ COM (2004) 728 final - Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bl-ġhan li jiġu ssimplifikati l-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU C 24, 29.1.2005, p.10) irtirata fil-21 ta' Mejju 2014 (ĠU C 153 21. 05. 2014, p. 3)

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill hija mfassla sabiex tissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT billi tippermetti lill-Awstrija tkompli tapplika miżura speċjali li tippermettilha teskludi ġħalkollox mid-dritt għal tnaqqis il-VAT imposta fuq l-oġġetti u s-servizzi li iktar minn 90 % tad-drabi jintużaw għall-finijiet privati jew mhux kummerċjali tal-persuna taxxabbi, inkluż l-aktivitajiet mhux ekonomiċi.

Skont l-Awstrija, il-miżura speċjali tnaqqas il-piżżejjiet amministrattivi għan-negozji u l-amministrazzjoni tat-taxxa, minħabba li ma hemm l-ebda ħtieġa ta' monitoraġġ tal-użu sussegwenti tal-oġġetti u s-servizzi li ġħalihom tapplika l-esklużjoni mit-tnaqqis meta jkunu ġew akkwistati, b'mod partikolari fir-rigward ta' tassazzjoni possibbli tal-użu privat jew aġġustamenti għat-tnaqqis.

L-użu minimu meħtieġ tal-oġġetti ta' mill-inqas 10 % għall-finijiet kummerċjali biex jippermetti t-tnaqqis tal-VAT tal-input huwa relattivament baxx. Skont l-Awstrija, l-estensjoni ta' din il-miżura speċjali ġħalhekk sejkollha biss impatt żgħir fuq l-ammont totali ta' dħul mill-VAT miġbur fl-aħħar stadju tal-konsum u ġħalhekk, ma taffettwax ir-riżorsi proprii tal-VAT tal-Unjoni b'mod negattiv.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhi sejkollha l-ebda implikazzjoni negattiva għall-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta hija limitata fiż-żmien u tinkludi klawżola ta' estinżjoni stabbilita sal-31 ta' Diċembru 2027.

F'każ li l-Awstrija tikkunsidra estensjoni oħra tal-miżura speċjali lil hinn mill-2027, għandu jitressaq rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-miżura speċjali, li jkun jinkludi rieżami tar-rata ta' tqassim applikata, flimkien mat-talba għal estensjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2027.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

Li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija biex tkompli tapplika miżura li tidderoga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1), l-ewwel subparagrafu, tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE jirregolaw id-dritt tal-persuni taxxabbli li jnaqqasu t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imposta fuq l-oġġetti u s-servizzi fornuti lilhom għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħhom.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill 2009/1013/UE² awtorizzat lill-Awstrija biex tkompli tapplika miżura speċjalisti li tidderoga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE biex teskludi ġħalkollox mid-dritt għal tnaqqis tal-VAT, il-VAT imposta fuq l-oġġetti u s-servizzi li iktar minn 90 % tad-drabi jintużaw għall-finijiet privati ta' persuna taxxabbli jew tal-impiegati tagħha, jew, b'mod aktar ġenerali, għall-finijiet mhux kummerċjali jew attivitajiet mhux ekonomiċi (“il-miżura speċjalisti”). L-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata l-miżura speċjalisti tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024.
- (3) Bl-ittra rreġistrata mill-Kummissjoni fl-20 ta' Marzu 2024, l-Awstrija talbet awtorizzazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 395(2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, biex tkompli tapplika l-miżura speċjalisti.
- (4) Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill 2009/1013/UE, flimkien mat-talba għal estensjoni, l-Awstrija ssottomettet rapport dwar l-applikazzjoni tal-miżura speċjalisti li jinkludi rieżami tar-rata ta' tqassim applikata fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni bagħtet it-talba sottomessa mill-Awstrija lill-Istati Membri l-oħra permezz tal-ittra tas-16 ta' Mejju 2024.

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p.1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj>.

² Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (2009/1013/UE) tat-22 ta' Diċembru 2009 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 348, 29.12.2009, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2009/1013/oj).

- (6) Permezz tal-ittra tas-17 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Awstrija li kellha l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa sabiex tivvaluta t-talba.
- (7) Skont l-Awstrija, il-miżura speċjalisti wriet li hija effettiva ħafna biex tissimplifika l-ġbir tal-VAT u biex tipprevjeni l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Il-miżura speċjalisti tnaqqas il-piżijiet amministrattivi għan-negozji u l-amministrazzjoni tat-taxxa, billi ma jkun hemm bżonn l-ebda monitoraġġ tal-użu sussegwenti tal-oġġetti u s-servizzi li għalihom kienet tapplika l-esklużjoni mit-tnaqqis meta jkunu ġew akkwistati.
- (8) Abbażi tar-rapport sottomess mill-Awstrija, ir-rata minima ta' tqassim ta' 10 % tal-użu kummerċjali ta' oġġetti u servizzi meħtieġa biex tippermetti t-tnaqqis tal-VAT tal-input hija baxxa biżżejjed biex ma jkollha l-ebda impatt sinifikanti fuq l-ammont totali tal-VAT effettivament miġbura fl-istadju tal-konsum finali.
- (9) Filwaqt li tqis l-impatt pożittiv kemm għan-negozji kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-taxxa, il-Kummissjoni tqis xieraq li l-miżura speċjalisti tiġi estiża.
- (10) Il-miżura speċjalisti jenħtieġ li tkun limitata għaż-żmien meħtieġ biex tiġi evalwata l-effettività tagħha u l-adegwatezza tar-rata ta' tqassim applikata fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT. Għalhekk, l-Awstrija jenħtieġ li tkun awtorizzata biex tkompli tapplika l-miżura speċjalisti għal 3 snin oħra, jiġifieri jenħtieġ li tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2027.
- (11) Il-miżura speċjalisti hija proporzjonata għall-objettivi segwiti, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-proċedura għall-ġbir tal-VAT u l-prevenzjoni ta' ċerti forom ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa, peress li hija limitata fiż-żmien u fil-kamp ta' applikazzjoni.
- (12) F'każ li l-Awstrija tqis li tkun meħtieġa estensjoni tal-miżura speċjalisti lil hinn mill-2027, jenħtieġ li titlob estensjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2027 flimkien ma' rapport dwar l-applikazzjoni tal-miżura speċjalisti, li jkun jinkludi rieżami tar-rata ta' tqassim applikata.
- (13) Il-miżura speċjalisti mhi se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni akkumulati mill-VAT.
- (14) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2009/1013/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2027.

Kull talba għal estensjoni tal-miżura li tidderoga prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2027.

Tali talba għandha tkun akkumpanjata minn rapport dwar l-applikazzjoni ta' din il-miżura li jinkludi rieżami tar-rata ta' tqassim applikata fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT abbażi ta' din id-Deċiżjoni.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstrija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*